**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 28 ta' Marzu, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 1111/2016 AF**

**Ibrahim Halabia**
**detentur tal-Passaport Sirjan numru 010109380**

**vs**

**MPM Capital Investments Limited (C-46783)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Ibrahim Halabia li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, talab lil din il-Qorti ssejjah fil-kawza lil Alex Mangion u Melvyn Mangion, dirigenti tas-socjetà intimata.

Rat ir-risposta ta' MPM Capital Investments Limited.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, r-rikorrenti qieghed jitlob li jigi ritornat lilu kapital investit, u qliegh prodott mill-investiment. Qieghed jitlob ukoll danni, dan kollu minghand MPM Capital Investments Limited. Issa qieghed jitlob li jissejjhu fil-kawza id-diretturi tas-socjetà.

Ikkunsidrat illi l-Art. 961 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"Tista' wkoll terza persuna, b'digriet tal-qorti, f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tiġi msejħa f'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta' waħda mill-partijiet kemm ukoll mingħajr dik it-talba."*

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fil-kuntest hija abbundanti u kostanti. Huwa ritenut illi:

> *"Il-principju ewlieni li ghandu jitqies huwa li l-imsejjah fil-kawza, b'differenza minn dak li jkun indahal fil-kawza minn rajh in statu et terminis, jitqies bhallikieku kien imharrek u, kif juri l-artikolu 962, bis-sentenza moghtija f'dik il-kawza jista' jinheles jew jigi kundannat daqslikieku l-kawza inharget mill-bidunett kontrih;*
>
> *Illi s-sejha fil-kawza, jew kif kien maghruf fl-imghoddi, l-intervent koatt (biex jintgharaf mill-intervent volontarju li ghalih japplika l-artikolu 960 tal-Kap. 12), ghandha l-ghan li tevita li jkun hemm ghadd ta' kawzi fuq l-istess mertu meta dawk il-persuni jistghu jitqeghdu f'gudizzju wiehed li jikkonsidra l-qaghda rispettiva taghhom.*

*Illi l-Qorti ghandha tordna s-sejha fil-kawza jekk il-persuna li taghha tintalab din is-sejha jkollha dak l-interess li huwa mehtieg mill-ligi f'persuna biex minnu tista' tigi proposta azzjoni jew biex tigi opposta kontestazzjoni."*

Huwa ritenut inoltre:

*"li l-kjamata fil-kawża ma tiġix akkolta biss biex jiġi integrat il-ġudizzju imma hemm raġunijiet oħra, illum aċċettati mill-qrati tagħna, għaliex tista' tiġi milqugħa talba simili. L-istitut tal-kjamata in kawża jaqdi diversi funzjonijiet proċedurali, fosthom u prinċipalment dik li jintegra l-ġudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jiġu mħarrka u xi wħud minnhom ikunu tħallew barra. Iżda jservi wkoll biex jissalvagwarda d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni ġudizzjarja u li aktarx iġġib warajha azzjoni oħra bħala konsegwenza tagħha; tista' sservi anke b'mod aktar ġenerali għal dik li komunament tissejjah "l-ekonomija tal-ġudizzju". Ġie inoltre aċċettat li terza persuna tista' tiġi kjamata fil-kawża anke biex sempliċement titfa' dawl fuq il-fatti. L-interess, f'dak il-każ, jista' ikun anke l-komunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat fil-kawża, mingħajr ma jiġi kundannat jew liberat, jiżviluppa r-raġunijiet tiegħu favur jew kontra l-attur."* – (Bank of Valletta p.l.c. vs Anna Calleja et – 8 ta' Jannar 2010).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, l-Qorti ssib li r-rikorrenti jsejjes it-talba tieghu fuq xhieda moghtija minn rapprezentant tal-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji li xehdet li s-socjetà ma baqghetx licenzjata biex tipprovdi servizzi finanzjarji u li d-diretturi taghha gew dikjarati "*not fit and proper*" ghal perjodu ta' ghaxar snin u dan wara investigazzjoni ta' diversi lmenti li rceviet l-Awtorità.

Ir-rikorrenti qieghed isostni li s-sitwazzjoni wasslet sabiex id-dirigenti jkunu responsabbli personalment, u ghalhekk qieghed jitlob li jissejjhu fil-kawza.

Huwa ben stabbilit illi r-responsabbilità personali ta' diretturi ta' socjetà hija limitata ghal ftit cirkostanzi partikolari. Il-Qorti

tirreferi fil-kuntest ghat-taghlim tal-Professur Andrew Muscat fl-opus tieghu "*Principles of Maltese Company Law*".

Din il-Qorti, f'dan l-istadju tal-proceduri, ma tirriskontra ebda wahda minnhom. Ma hija b'ebda mod teskludi li dan jista' jsehh fil-futur, f'liema kaz jibqa' rizervat ghar-rikorrenti li jagixxi bi proceduri "*ad hoc*".

F'dawn ic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Ibrahim Halabia kif kontenuta fir-rikors tieghu tas-17 ta' Mejju 2022.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF